## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 676/2014**

***CHEV. VINCENT GALEA***

***VS.***

***FULANI PROPERTIES LIMITED***

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors maħluf imressaq fil-31 ta' Lulju, 2014;

2. Rat in-nota ppreżentata fit-2 ta' Settembru, 2022, iffirmata mill-avukat Carl Grech u minn Natasha Galea, Colin Galea u Vanessa Haridas Galea bħala kuraturi ta' missierhom Chev. Vincent Galea, li biha ddikjaraw li l-attur Chev. Vincent Galea qiegħed iċedi u jirrinunzja għall-atti ta' din il-kawża minħabba ftehim bejn il-partijiet, bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejniethom;

3. Rat id-digriet ta' din il-qorti tas-6 ta' Settembru, 2022 li permezz tiegħu ordnat in-notifika ta' din in-nota lil Fulani Properties Limited sabiex skont l-**artikolu 908 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** din tiddikjara jekk hijiex qed taċċetta din ir-rinunzja jew le minħabba li n-nota ta' ċessjoni hija suġġetta għall-kundizzjoni li din tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet;

4. Rat it-tweġiba ta’ Fulani Properties Limited imressqa fil-15 ta’ Settembru, 2022 li permezz tagħha ddikjarat li hija qiegħda taqbel li l-kawża tiġi ċeduta bla taxxa bejn il-partijiet;

**Għaldaqstant fid-dawl ta’ din iċ-ċessjoni u ta’ dak imsemmi fl-artikoli 906(1) u 907 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-qorti qiegħda tieqaf milli tqis aktar din il-kawża u b’hekk tordna lir-reġistratur sabiex ineħħiha minn fuq il-lista tal-kawżi attivi.**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 16 ta’ Settembru, 2022.**

| | |
|---|---|
| **Christian Falzon Scerri** | **Mary Josephine Musu** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |